MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 202/2011

**Golden Harvest Mfg. Co Ltd u John Pullicino**

**Vs**

**Charles Saliba f'ismu personali u ezercenti l-kummerc taht l-isem Tennesy**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-28 ta' Frar 2011 l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas sittax-il elf ewro (€16,000) minghand il-konvenut, prezz ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Il-konvenut wiegeb li permezz ta' risposta li pprezenta fl-24 ta' Gunju 2011 fejn iddikjara li:-

1. M’ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-atturi.
2. Il-konvenut m’huwiex il-legittimu kontradittur.
3. It-talbiet huma nfondati ghaliex l-ammont m’huwiex dovut.
4. F’kull kaz l-atturi jridu jaghtu prova li l-ammont ghadu dovut.

Fis-seduta tal-lum intlehaq ftehim u l-qorti ntalbet taghti sentenza a bazi tat-transazzjoni, li saret f’dan is-sens:-

Il-partijiet presenti iddikjaraw li qeghdin jintransigu il-vertenza b'dan il-mod:-

***“1. Il-konvenut jobbliga ruhhu li jhallas is-somma ta' Eur 12,000 ghas-saldu,***
***2. Il-hlas isir permezz ta' pagamenti ta' Eur 100 kull sebghat ijiem, l-ewwel pagament isir fit-30 ta' Novembru, 2011. F'kaz li l-konvenut ikun moruz f'sittax il-skadenza konsekuttivi jew f'ammont ekwivalenti huwa jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu u l-bilanc kollu jkun dovut. F'dik l-eventwalita` jibda wkoll jiddekorri l-imghax bl-ghola rata li tippermetti l-ligi b'sehh minn meta l-konvenut jkun iddekada skond dan il-ftehim,***
***3. Spejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.”***.

In segwitu ghal dan il-ftehim id-difensur tal-atturi ddikjarat li qeghdin jirriducu l-ammont ghas-somma ta’ tnax-il elf ewro (€12,000).

**Fic-cirkostanzi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi in vista tat-transazzjoni u t-talba li ghamlu l-partijiet fis-seduta tal-lum:-**

**1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tnax-il elf ewro (€12,000) ghas-saldu.**
**2. Tordna li l-hlas isir permezz ta’ pagamenti ta’ mitt ewro (€100) kull sebat ijiem (7) ijiem, l-ewwel pagament isir fit-30 ta’ Novembru 2011.** ***F'kaz li l-konvenut ikun moruz f'sittax il-skadenza konsekuttiva jew f'ammont ekwivalenti huwa jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu u l-bilanc kollu jkun dovut***

***f’daqqa. F'dik l-eventwalita` jibda wkoll jiddekorri l-imghax bl-ghola rata li tippermetti l-ligi b'sehh minn meta l-konvenut jkun iddekada skond dan il-ftehim.***

**Spejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------